



Brussell, 4 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11944/24

ENV 758

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10728/24 + COR 1	
Suġġett:	Ir-Rapport Speċjali Nru 01/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri – FI-aħħar qed jaqbad ritmu tajjeb, iżda fl-orizzont hemm l-isfidi" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill (EPSCO) fl-4035 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Ġunju 2024.

Ir-Rapport Speċjali Nru 01/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri – Fl-aħħar qed jaqbad ritmu tajjeb, iżda fl-orizzont hemm l-isfidi"

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 01/2024 tal-QEA bit-titlu "It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri – Fl-aħħar qed jaqbad ritmu tajjeb, iżda fl-orizzont hemm l-isfidi"¹ u JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni² u tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)³ għal dan ir-Rapport Speċjali; IFAKKAR li, skont it-Trattati, il-Kummissjoni hija l-istituzzjoni li tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;
2. JAGĦRAF l-osservazzjoni tar-Rapport li t-trasport huwa l-uniku settur li għalih l-emissjonijiet ta' CO₂ fl-Ewropa ma tnaqqisux sa mill-1990;
3. JINNOTA li l-emissjonijiet medji tas-CO₂ għal kull km ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-UE bdew juru tnaqqis qawwi, speċjalment mill-2020 'l hawn meta bdew japplikaw miri aktar stretti stabbiliti fl-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO₂, prinċipalment minħabba l-użu konsiderevoli ta' vetturi elettriċi; IFAKKAR li dawn il-miri ser isiru gradwalment aktar stretti, u li mill-2035 'il quddiem ser tapplika mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ ta' 100 % bħala riżultat tar-Regolament 2023/851 li jemenda r-Regolament 2019/631 fir-rigward tat-tishiġ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni;

¹ Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:
https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2024-01/SR-2024-01_MT.pdf

² https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/COM-Replies-SR-2024-01/COM-Replies-SR-2024-01_MT.pdf.

³ https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/EEA-Replies-SR-2024-01/EEA-Replies-SR-2024-01_MT.pdf

4. JAGĦRAF il-ħtieġa li jiġi żgurat li r-riżultati tas-CO₂ determinati għal vetturi individwali u ddikjarati mill-manifatturi tal-vetturi fuq iċ-Ċertifikat tal-Konformità ikunu korretti u affidabbli; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni ssegwi mal-Istati Membri l-kontrolli meħtieġa fuq il-manifatturi fil-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar; JAGĦRAF l-iżviluppi regolatorji li ddaħħlu fis-seħħ biex itejbu s-sorveljanza u jiffaċilitaw il-verifika awtomatizzata tad-data dwar l-emissjonijiet fiċ-Ċertifikati tal-Konformità; JINNOTA li għall-fini speċifiku tal-verifika u, fejn meħtieġ, tal-korrezzjoni tal-valuri ta' CO₂ tal-vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, ġew żviluppati proċeduri ta' "verifika fis-servizz" kif previst fir-Regolament (UE) 2019/631, u ser ikollhom jiġu applikati mill-2024 'il quddiem;
5. JILQA' r-rakkomandazzjoni li tiġi vvalutata l-fattibbiltà li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni dwar il-konsum tal-fjuwil fid-dinja reali mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u JISTIENEN lill-Kummissjoni tqis din ir-rakkomandazzjoni fil-kuntest tal-azzjonijiet futuri tagħha, f'konformità sħiħa mal-prinċipji maqbula ta' Regolamentazzjoni Aħjar; F'dan il-kuntest JIEĦU NOTA tal-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar l-emissjonijiet reali tas-CO₂ tal-karozzi u l-vannijiet adottat fit-18 ta' Marzu 2024;
6. JINNOTA li jistgħu jkunu meħtieġa aktar sforzi biex jiġi ssimplifikat il-proċess tat-trażmissjoni u l-ikklerjar tad-data miġbura bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-EEA; F'dan ir-rigward, JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni li jsir użu aħjar mill-għodod elettroniċi għall-ġbir u l-verifika tad-data dwar il-karozzi u, IFAKKAR fl-obbligi fir-Regolament (UE) 2018/858 dwar l-użu ta' Ċertifikati tal-Konformità elettroniċi minn Lulju 2026 u JILQA' l-fatt li xi Stati Membri diġà bdew jużaw dawn iċ-Ċertifikati elettroniċi b'antiċipazzjoni ta' dawn l-obbligi; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex issegwi mal-Istati Membri l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip fil-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar biex tiżviluppa u tagħmel użu minn ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip elettroniċi armonizzati fejn id-data tkun strutturata; IFAKKAR fl-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw il-preżentazzjoni f'waqtha ta' data ta' monitoraġġ kompluta u korretta lill-Kummissjoni kif stipulat fir-Regolament 2019/631, u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-Istati Membri u lill-manifatturi f'dan ir-rigward;

7. JAGĦRAF l-osservazzjoni tal-QEA li żieda fl-użu ta' vetturi kompletament elettriċi ser taqdi rwol kruċjali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ġenerali ta' CO2 tal-flotta l-għdida ta' karozzi għall-miri miftiehma, u f'dan il-kuntest JENFASIZZA li l-affordabbiltà ta' vetturi elettriċi, l-infrastruttura tal-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi, u l-provvista ta' materja prima għall-produzzjoni ta' batteriji ser ikunu fatturi ewlenin għal din iż-żieda fl-użu;
 8. JINNOTA r-rakkomandazzjoni tal-QEA li jiġu vvalutati l-fattibbiltà, l-ispejjeż u l-benefiċċji li jiġu sostitwiti l-miri attwali b'oħrajn ibbażati fuq sehem minimu ta' vetturi b'emissjonijiet żero, flimkien ma' limitu massimu ta' "emissjonijiet fid-dinja reali" għal vetturi b'magna tal-kombustjoni, fil-kuntest tar-rieżami tal-2026 tar-Regolament 2019/631.
-